MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 10/2002/1

Vitorina armla ta’ Joseph Sultana ;
Victor Attard ;
Marianne mart Joseph Camilleri kemm f’isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti ħutha Eucharist u Reverendu Joseph Attard ;
Marie Theresa mart Joseph Bartolo ;
Carmel Attard .

vs

Julians’ Farmhouses Co. Ltd .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi :

Li permezz ta’ degriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-24 ta’ Diċembru 2001, l-kumpanija Julians’ Farmhouse Co. Ltd., ottjeniet Mandat ta’ Sekwestru fl-ammont ta’ tletin elf lira

maltin (Lm30,000) bħala ammont arbitrarjament iffissat mill-kreditur rappreżentanti dawn sofferti mis-soċjeta' rikorrenti minħabba okkupazzjoni llegali da parti tal-esponenti tal-fond numru 81, Triq Bullara, Xagħra, Għawdex, l-istess soċjeta' kredituri qegħda tippretendi li hija tagħha .

Li l-ammont pretiż mill-imsemmija soċjeta' huwa għal kollox fittizju u mhux dovut, l-ewwelnett għaliex mhux tassew li l-esponenti qegħdin jokkupaw il-fond numru 81, Triq Bullara, Xagħra llegalment u t-tieninett għaliex ma jirrikorrux l-estremi rikjesti mill-liġi tal-kreditur u debitur f'dan il-każ .

Li l-esponenti jridu li dan l-att kawtelatorju jiġi revokat għar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 836 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Civili senjatament l-inċiż (f) tal-istess artikolu peress li fiċ-ċirkostanzi ma hux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju peress li mhux ġustifikabbli.

Li b'rikors tat-tlieta (3) ta' Jannar 2002 l-atturi talbu li l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru jiġi revokat .

Li b'degriet tat-22 ta' Jannar, 2002 dina l-Onorabbli Qorti ddeċidiet billi rriduċiet l-ammont arbitrarjament iffissat mis-soċjeta' sekwestrata għall-iskop tal-imsemmi Mandat għas-somma ta' għoxrin elf lira maltin (Lm20,000) Iżda kkonfermatu għall-kumplament bir-riserva li peress li hija l-prattika tal-banek lokali li fi proċeduri simili jiġu sekwestrati l-flejjes kollha li jista' jkollu depożitati għandhom is-sekwestrati ordnat illi l-banek sekwestratarji għandhom jaraw illi ma jżommux sekwestrat f'idejhom aktar mill-ammont imsemmi f'dak id-degriet, in sodisfazzjoni tal-pretensjoni tas-soċjeta' konvenuta .

Li l-imsemmi digriet ma huwiex ġust u mhux legali, għaliex fiċ-ċirkostanzi simili mhux ġustifikat u mhus permess li jinħareġ Mandat ta' Sekwestru sempliċement għaliex l-atturi qegħdin javvanzaw il-pretensjoni tagħhom .

Talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-Mandat ta' sekwestru numru 160/01 fl-ismijiet "Julians' Farmhouse Co. Ltd . vs Vitorina armla ta' Joseph Sultana" huwa nġustifikat, bla baż u llegali ;

2. Konsegwentement tordna r-revoka tiegħu .
3. Konsegwentement ukoll tordna r-revokati tad-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2002 .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk appartenenti lill-esponenti fil-proċedura tal-mandat ta' Sekwestru numru 160/01 G fuq imsemmi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Vitorina Sultana .

Rat in-nota ta' l-eċċezzonijiet tas-soċjeta' konvenuta li biha eċċepiet illi :

1. In linea preliminari, in-nullita' taċ-ċitazzjoni odjerna stante illi l-istess ġiet preżentata mingħajr il-konoxxenza, anzi kontra l-volonta' espressa ta' waħda mill-atturi, eżattament marie Therese mart Joseph Bartolo .

2. Illi wkoll in linea preliminari, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante illi l-atturi Eucharist u Reverend Joseph Attard mhuwiex intimati fil-mandat ta' sekwestru meritu ta' din il-kawża ;

3. Illi wkoll in linea preliminari, ma teżisti ebda soċjeta' bl-isem 'Julian's Farmhouse co. Ltd.' ;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux mogħti ebda dritt lill-atturi illi jipproċedu bil-kawża odjerna sabiex jimpunjaw degriet mogħti mill-Qorti ai termini ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12 stante illi ai termini tas-subartikolu (5) ta' dak l-artikolu, tali degriet ma huwiex

appellabbli u ma jistax jiġi impunjat, u l-istess degriet huwa wkoll finali u rrevokabbli ;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi solidalment bejniethom għaliex il-pretensjoni tagħhom illi '*d-degriet ma huwiex ġust u mhux liegali għaliex fiċ-ċirkostanzi simili mhux ġustifikat u mhux permess li jinħareg mandat ta' sekwestru'* hija pretensjoni fiergħa u bla ebda bażi sia fattwali kif ukoll legali .

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta kkonfermata bil-ġurament ta' Julian Sultana .

Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti tal-mandat ta' Sekwestru relattiv nru. 160/2001 fl-ismijiet : "Julian's Farmhouses Co. Ltd. vs Vitorina Sultana et.", kif ukoll l-atti tal-kawżi konnessi u cioe' : Avviz. 95/1998 fl-ismijiet : "Julian's Farmhouses Company Limited vs Carmel Said et."; cit. 205/2000 fl-ismijiet : " Victoria Sultana et noe. vs Julian's Farmhouses Company Limited"; cit. 108/2001 fl-ismijiet : "Julian's Farmhouses Co. Ltd. vs Vitorina Sultana" .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru imsemmi fiċ-ċitazzjoni u digriet relattiv għalieh, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess ċitazzjoni .

In linea preliminari s-soċjeta' konvenuta eċċepiet fl-ewwel lok n-nullita' taċ-ċitazzjoni billi din saret mingħajr il-konoxxenza, anzi kontra l-volonta' espressa ta' l-attriċi Marie Therese mart Joseph Bartolo . Ma tressqu ebda provi f'dan ir-rigward . Jirriżulta pero' illi fit-3 ta' Jannar 2002 kien inħareġ kontro-mandat fl-atti tal-mandat in kwistjoni li bih l-istess persuna ġiet rilaxxjata mill-effetti ta' dak il-mandat . Jiġi allura illi meta ġiet intavolata din il-kawża fl-14 ta' Frar 2002, Bartolo ma kienx għad baqgħalha ebda interess ġuridiku fil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, li ma kienx għadu jolqotha, u konsegwentement lanqas fil-kawża li saret proprju sabiex tattakka l-istess mandat .
L-istess fir-rigward ta' l-atturi Eucharist u reverend Joseph Attard, imsemmija fit-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta . Huwa minnu illi dawn qatt ma kienu intimati fil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u allura anke fil-konfront tagħhom jonqos l-interess ġuridiku sabiex jippromwovu din il-kawża . B'daqshekk pero' ma jfissirx illi din iċ-ċitazzjoni hija nulla, ġialadarba m'hemmx dubbju illi l-atturi l-oħra, kollha milquta bl-effetti tal-mandat in kwistjoni, għandhom kull interess li dan il-mandat ma jibqax fis-seħħ . Hemm lok biss għall-liberazzjoni tas-soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-imsemmija tliet atturi .

It-tielet eċċezzjoni tirrigwarda l-isem tas-soċjeta' konvenuta . Fl-okkju tal-kawża is-soċjeta' konvenuta ġiet ċitata bħala "Julian's Farmhouse Co. Ltd." minflok "Julian's Farmhouses Co. Ltd." kif jirriżulta illi huwa l-isem proprju ta' din il-kumpanija[1] . Billi jirriżulta illi dan l-iżball ovvju tat-*typing* baqa' qatt ma ġie kkoreġut, u jidher illi ma effettwa bl-ebda mod lis-soċjeta' konvenuta fid-difiża tagħha, għall-aħjar korrettezza ta' l-atti tordna għalhekk korrezzjoni fl-okkju tal-kawża billi kull fejn jidher l-isem "Julian's Farmhouse Co. Ltd.", dan jiġi jaqra : "Julian's Farmhouses Co. Ltd."

[1] Ara kopja tal-balance sheet esebita bħala Dok. A fil-kawża ċit.108/2001 .

Fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni, huwa minnu illi l-artikolu 836 tal-kap. 12, li jistipula kif wieħed jista' jitlob il-ħruġ ta' kontro-mandat, insibu fis-sub-inċiż (5) illi mhux mogħti dritt ta' appell minn digriet ta' din il-Qorti taħt dan l-artikolu . Imma fil-fehma tagħha dan ma jfissirx illi wieħed ma jistax jattakka tali mandat, kif qed jagħmlu l-atturi preżenti, permezz ta' ċitazzjoni *ad hoc* . Wara kollox is-sub-inċiż (l) ta' dan l-artikolu jibda proprju bil-kliem : "**Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra**" u għalhekk mhux qed jiġu esklużi proċeduri oħra li bihom wieħed jista' jattakka mandat kawtelatorju . Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk respinta .

Fil-mertu mbagħad l-atturi qed jitolbu r-revoka ta' dan il-mandat u digriet relattiv għalih, għaliex "*id-digriet ma huwiex ġust u mhux legali għaliex fiċ-ċirkostanzi simili mhux ġustifikat u mhux permess li jinħareg mandat ta' sekwestru*" . Dan il-mandat kien wieħed minn sensiela ta' proċeduri legali li ħadu kontra xulxin il-kontendenti in konnessjoni ma' tilwima li nqalgħet bejniethom dwar l-appartenenza ta' fond fix-Xagħra, Għawdex . Irriżulta illi s-soċjeta' konvenuta kienet xtrat fond fi Triq Bullara, x-Xagħra, mingħand ċertu Salvu Said, li kien jgħix fl-esteru, fl-1998 . Dik il-ħabta l-istess fond kien f'idejn ħuh Carmelo Said, li minkejja li kien sar dan it-trasferiment, irrifjuta li jirrilaxxjah u jallieh a libera dispożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta . Din għalhekk bdiet proċeduri għall-iżgumbrament tiegħu minn dan il-fond[2] . Billi Carmelo Said beda jivvanta pretensjonijiet ta' proprjeta', l-Qorti kienet ipprefiġġietlu terminu sabiex jiddeduċi l-istess pretensjoniijet f'kawża . Imma huwa laħaq miet qabel saret il-kawża, u nfatti din ġiet intavolata minn uħud mill-eredi tiegħu u ċioe' l-atturi odjerni, fejn talbu dikjarazzjoni li zijuhom Carmelo Said kien akkwista titolu ta' proprjeta' fuq l-istess fond bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentenneli[3] . Fil-mori ta' dawn il-proċeduri s-soċjeta' konvenuta talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-atturi preżenti, in salvagwardja tad-danni li hija ppretendiet li

[2] Avviż Nru.95/1998 fl-ismijiet : Julian's farmhouses Company Limited vs Carmel Said, deċiża fl-14.10.2003 .
[3] cit. 205/2000 quddiem din il-Qorti wkoll, deċiża fil-prim'istanza fl-14.10.2003 u pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell .

ġew ikkawżati lilha minħabba r-rifjut ta' l-atturi li jirrilaxxjaw il-pussess ta' dan il-fond[4] . Hu proprju dan il-mandat u digriet relattiv taħt l-artikolu 836 tal-kap. 12 li qed jiġu attakkati bil-kawża preżenti .

L-atturi jikkontendu illi skond il-prinċipji stabiliti mill-ġurisprudenza lokali, anke dik reċenti, ħadd m'għandu jinstab responsabbli għad-danni sempliċement għax ottjena l-ħruġ ta' xi mandat kawtelatorju jew intavola kawża in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, anke jekk finalment ma jingħatax raġun, sakemm dawn il-pretensjonijiet ma jirriżultawx għal kollox frivoli u vessatorji[5] .

Imma kif tajjeb irrilevat is-soċjeta' konvenuta fin-nota responsiva tagħha, hija ma kienitx qed tfittex li tikkawtela d-dritt għad-danni, sempliċement għaliex l-atturi għamlu kawża in sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom illi l-fond in kwistjoni kien sar proprjeta' ta' Carmelo Said bis-saħħa tal-preskrizzjoni, imma għaliex irrifjutaw li jikkonsenjawlha ċ-ċwievet ta' l-istess fond, minkejja li kellha titolu apparenti ta' proprjeta' fuqu, derivanti mill-kuntratt ta' akkwist li kien sar ma' Salvu Said .

Il-kwistjoni li kellha tiġi deċiża fil-kawża għad-danni intavolata kontestwalment ma' dan il-mandat u deċiża b'sentenza separata ta' llum wkoll,[6] kienet tirrigwarda proprju jekk l-atturi preżenti kienux ġustifikati jibqgħu jirrifjutaw li jagħtu l-pussess ta' dan il-fond lil min kien jidher li akkwistah b'titolu validu fil-liġi u *in bouna fede* . Dan ma setax jiġi deċiż immedjatament malli ġie ppreżentat il-mandat in kwistjoni . Anzi bil-ħruġ ta' l-istess mandat, il-Qorti dakinhar dehrilha illi *prima facie* s-soċjeta' rikorrenti seta' kellha xi drittijiet x'tikkawtela fil-konfront ta' l-atturi preżenti . Dan kellha wkoll l-opportunita' tikkonfermah wara li semgħet lill-partijiet jispjegaw aħjar x'kienet il-kwistjoni bejniethom, fl-okkażjoni tas-smiegħ

---

[4] Mandat ta' Sekwestru Nru. 160/2001 tal-24 ta' Diċembru 2001 .

[5] Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri : P.A. JSP 10.2.1997; S.N. Properties Ltd. vs George Camilleri : P.A. RCP. 6.6.2003; John Zarb vs Port Cottonera Ltd.: P.A. TM.18.9 .2002.

[6] citaz. Nru . 108/2001 fl-ismijiet : Julian's Farmhouses Co. Ltd. vs Vitorina Sultana et.

tar-rikors li sar mill-istess atturi taħt l-artikolu 836 tal-kap. 12 . Dakinhar reġgħet ikkonfermat il-mandat u rriduċiet biss l-ammont sekwestrat, billi dehrilha illi l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta kienet xi ftit esaġerata . Fil-fatt bis-sentenza tagħha ta' llum wkoll fil-kawża għad-danni relattiva għal dan il-mandat, tat raġun lill-istess soċjeta' konvenuta u ddikjarat illi l-aġir ta' l-atturi esponihom għad-danni li setgħu ġew ikkawżati lilha . Jirriżulta għalhekk illi ma kien hemm xejn ħażin fl-akkoljiment tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u d-digriet relattiv u sussegwenti msemmija f'din iċ-ċitazzjoni .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoniijiet preliminari tas-soċjeta' konvenuta u tillibera lis-soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-atturi Maria Theresa mart Joseph Bartolo, u Eucharist u Reverendu Joseph aħwa Attard, tilqa' wkoll l-eċċezzjoni tagħha fuq il-mertu u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi proprio et nomine .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------